

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-29 ta' Ottubru 2012

li taħtar tliet membri mir-Renju Unit u żewġ membri supplenti mir-Renju Unit fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2012/675/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern tar-Renju Unit,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE ⁽¹⁾ u 2010/29/UE ⁽²⁾ li jaħtu l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Jonathan BELL, is-Sur Iain MALCOLM u s-Sinjura Irene OLDFATHER saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandati tas-Sur Ted BROCKLEBANK u s-Sur Nicol STEPHEN, saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

- Is-Sinjura Patricia FERGUSON MSP, *Member of the Scottish Parliament*
- Is-Sur Paul WATSON, *Councillor*
- Is-Sur Trevor CUMMINGS, *Councillor*

u

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sur Jim HUME MSP, *Member of the Scottish Parliament*
- Is-Sur Jamie McGRIGOR MSP, *Member of the Scottish Parliament*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

E. FLOURENTZOU

⁽¹⁾ ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.